**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 387/2015 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Xuereb)**
**vs**
**Amad Aluwyad Nabil Mahmoud**

**Illum 11 t' April, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Amad Aluwyad Nabil Mahmoud detentur ta' karta ta' l-identita' numru 25575A.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Jannar 2009 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna/i ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Stefania Pia Andretta, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u l-istess haga giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 17 ta' Frar, 2016 quddiem dak iz-zmien, illum irtirat Magistrat Dr. Anthony Micallef Trigona.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', PCR Person details, fedina penali tal-imputat, kuntratt datat 18 ta' Novembru, 2008 immarkat bhala Dok SA1, *cheque image* immarkat bhala Dok SA2, stqarrija tal-imputat immarkata bhala Dok AMX1, dikjarazzjoni ta' rifjut ghal jedd tal-parir legali mmarkat bhala Dok AMX2, *Memorandum and Articles* immarkati bhala Dok AP1, certifikat ta' registrazzjoni mmarkata bhala Dok AP2.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Stefania Pia Andretta, l-Ispettur Anna Marie Xuereb, u Dr. Amanda Poole.

Stefania Pia Andretta tghid li hija ffirmat kuntratt mal-imputat biex jigi restawrat id-dar taghha gewwa tas-Sliema fejn l-ammont miftiehem ghal xoghlu kien ta' €30,000. Bhala *deposit* tatu €7,500 fil-prezenta tal-Avukat Roberto Montalto, izda wara ghaxart ijiem l-imputat talabha ghal €9,000 ohra. L-imputat kien infurmaha li kien qed jixtri xi materjal. Xi haddiema li gew fuq il-post biex jaghmlu xi xogholijiet bdew jghidulha li l-imputat ma kienx qed ihallashom tax-xogholijiet li ghamlu u f'Jannar, 2009 l-imputat ma setax jinstab. Fil-fatt, hija cemplet lill-Avukat Roberto Montalto biex issaqsih dwar il-klijent tieghu stante li kien hemm kuntratt bejnu u bejn Stefania Pia Andretta, imma l-Avukat Montalto ma kienx jaf fejn mar l-imputat u ghalhekk is-sinjura Andretta marret l-ghassa tghamel rapport. Hija tkompli tghid li wara li tatu d-*deposit* ta' €7,500 u wara ghaxart ijiem regghet tatu €9,000, l-imputat wara jumejn mar f'nofs ta' lejl id-dar taghha jghajjat u jheddidha li jekk ma ttihx €2,500 ohra, hu kien se jitlaq u ma jinstabx. Hija tikkonferma li l-ewwel pagament ta' €7,500, dan halsitu in kontanti fil-prezenza tal-Avukat Roberto Montalto meta ffirmaw il-kuntratt. It-tieni pagament ta' €9,000 ghamlitu permezz ta' cekk mill-bank HSBC f'ismu proprju. It-tielet pagament ta' €2,500 ghamlitu in kontanti ghax

peress li kienet wahedha b'tifel zghir maghha, bezghet mill-imputat. Tal-flus li tat lill-imputat, l-imputat qatt ma taha rcevuti. Hija tghid li l-imputat gie riferut lilha minn habiba li kellha, certu Camille u ghalhekk fdat fiha, izda fil-kuntratt hemm referenza ghal kumpanija AD Contractors Limited. Inoltre tghid li l-imputat kellu l-intenzjoni li jiffrodaha u li l-Avukat Roberto Montalto kien jaf b'din il-frodi. Wara xi sena li gara dan kollu, qabdet kumpanija ohra sabiex tlestilha x-xogholijiet li kellhom isiru mill-imputat.

Dr. Amanda Poole xehdet in rapprezentanza tal-MFSA u pprezentat l-Accounting details tal-kumpanija AD Contractors Limited liema kumpanija giet irregistrata fit-3 ta' Lulju, 2007 u l-kumpanija kienet ghadha operattiva.

Semghet lil Dr. Roberto Montalto Avukat difensur tal-imputat jixhed bil-kunsens tal-klijent tieghu.

Dr. Roberto Montalto gie ezentat mill-imputat mis-sigriet professjonali u xehed fis-seduta tat-8 ta' Gunju, 2016 fejn qal li l-imputat u Stefania Pia Andretta marru ghandu sabiex huwa jidderigi kuntratt fejn l-imputat kellu jaghmel xi xogholijiet ta' *turnkey* fir-residenza tas-sinjura Andretta gewwa tas-Sliema. L-Avukat Montalto jghid li d-diskors tas-sinjura Andretta kien li l-imputat ma lestiex parti sostanzjali mix-xogholijiet. Izid jghid li s-sinjura Andretta allegat li l-Avukat Montalto kien involut fil-frodi mal-imputat izda kien fuq suggeriment tieghu stess li s-sinjura Andretta marret ticcekkja mal-Pulizija biex tara jekk l-imputat telaqx minn Malta, kif fil-fatt hekk irrizulta. Wara xi sena, l-imputat rega' tfacca u mar ghand l-Avukat Montalto fejn spjegalu li kellu jitlaq minn Malta minhabba li rriskontra problemi finanzjari u sahansitra kellu proceduri ta' subbasti. L-imputat jammetti li ghal flus li thallas ma ghamilx ix-xogholijiet kollha li kellu jaghmel. L-Avukat Montalto jghid li s-sinjura Andretta allegat li giet mhedda izda rapporti l-Pulizija f'dan is-sens qatt ma ghamlet. Stima tax-xogholijiet li saru u x'ghad fadal isir, is-sinjura Andretta qatt ma gabet lill-Avukat Montalto. Izid jghid l-Avukat Montalto li peress li s-sinjura Andretta halset ghal xi xogholijiet li kellhom jitlestaw u dan qatt ma sar, ir-rimedju li kellha tfittex kien wiehed civili izda peress li qatt ma ntavolat proceduri civili, tali

pretensjoni saret preskritta u l-uniku rimedju li setghet iddur ghalih kien wiehed ta' natura kriminali.

Rat is-sentenza tat-3 t'Awwissu, 2016 tal-Magistrat dak iz-zmien, illum irtirat Dr. Anthony Micallef Trigona.

Rat ir-rikors tal-Appell tal-imputat Amad Aluwyad Nabil Mahmoud intavolat fit-12 t'Awwissu, 2016.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 28 ta' Settembru, 2017 moghtija mill-Imhallef Dr. Edwina Grima fejn iddikjarat li l-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti bhala nulli.

Rat is-surroga tal-Prim Imhallef dak iz-zmien Dr. Silvio Camilleri li biha din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2017 regghu nqraw l-akkuzi u gew mahlufa mill-Ufficjal Prosekutur fejn sar l-ezami ta' l-imputat u wiegeb li mhux hati.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata tnejn (2) ta' Jannar, elfejn u tmintax (2018) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 18, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tal-11 ta' Jannar 2018 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Ghal dak li jirrigwarda s-sottomissjoni li l-istqarrija ta' l-imputat ma tistax tigi mehuda in konsiderazzjoni minn din il-Qorti – il-Qorti ma taqbilx mad-difiza li ghandha tiskarta tali stqarrija. Dan ghaliex dak iz-zmien u cioe' qabel ma nbidlu l-Artikoli 355AT et seq tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalkemm l-imputat ma nghatax id-dritt li jkollu avukat prezenti, nghata d-dritt kif jirrizulta li jikkonsulta ma' Avukat qabel ma jaghti l-istqarrija tieghu, kif ukoll jirrizulta li gie spjegat lilu d-dritt tas-silenzju liema dritt huwa irrifjuta. Kieku s-sitwazzjoni kienet bil-kontra, u cioe' kieku ghazel li jinghata d-dritt li jkellem avukat, is-sitwazzjoni kienet tkun differenti ghaliex illum l-access ghal Avukat huwa iktar ampju u avukat jista' jiehu sehem attiv (Artikolu 355AUA(8)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) waqt it-tehid ta' l-istqarrija, mhux bhal fiz-zmien qabel gie emendat l-Artikolu 355AT li l-Avukat jista' jigi konsultat biss ghal siegha qabel l-istqarrija. Izda l-imputat irrifjuta d-dritt tieghu li jkellem avukat dak iz-zmien u m'ghazilx lanqas id-dritt li jibqa' sieket allura peress li ma kienx qed jipprospetta li jikkonsulta m'avukat meta d-dritt kien ga jezisti izda limitatament, ma tarax ghalfejn il-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrija.

Illi din il-Qorti kull ma ghandha quddiemha biss hija x-xhieda ta' Stefania Pia Andretta li tghid li ghaddiet l-ammont ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7500) lill-imputat appena gie iffirmat il-kuntratt ta' l-appalt bejn il-partijiet quddiem Dr. Roberto Montalto, disat elef Ewro (€9000) xi zmien wara li jirrizulta mill-kopja tac-cekk ipprezentat li dawn thallsu xi xahar wara, u elfejn u hames mija (€2500) li thallsu kontanti lill-imputat minn Andretta xi jiem wara. Lill-Qorti jirrizultalha b'mod cert li l-imputat nghata zgur l-ammont ta' sittax-il elf u hames mitt Ewro (€16,500) ghaliex sebat elef u hames mitt Ewro (€7500) huma ikkonfermati li thallsu mix-xhieda ta' Dr. Roberto Montalto u disat elef Ewro (€9000) jirrizultaw mill-prova ta' cekk li gie msarraf mill-imputat.

Madanakollu jirrizulta minn dak li qalet Stefania Pia Andretta, l-Avukat Dr. Roberto Montalto kif ukoll l-imputat fl-istqarrija tieghu li x-xoghol kien inbeda. Ma jirrizultax

lil din il-Qorti kemm kien il-valur tax-xoghol li kien inbeda dan peress li m'ghandha l-ebda prova tieghu, il-Qorti hija nieqsa minn kwalunkwe tip ta' prova li b'xi mod tista' tasal ghal xi forma ta' valur. Li hu zgur per cert hu li l-imputat ha zgur l-ammont ta' sittax il-elf u hames mitt Ewro (€16,500) u dan peress li m'ghandha l-ebda konferma hlief ix-xhieda tal-parte leza li thallsu ulterjorment l-ammont ta' elfejn u hames mija (€2500) ghalkemm ix-xhieda taghha ma gietx kontradetta.

Ghalkemm jirrizulta li hemm konferma ta' misapproprjazzjoni ta' ammont ta' flus, stante li kienu nbdew xi xogholijiet min-naha ta' l-imputat li wara kien abbanduna l-Qorti m'ghandiex prova ta' kemm hu l-ammont. Konsegwentement ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda prova biex jigi determinat dan il-valur, ghalhekk il-Qorti taqbel mad-difiza li tghid li l-Artikolu 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jistax jigi applikat imma ghandu jigi applikat l-Artikolu 293 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sussegwentement id-difiza ghalhekk qeghda tghid li dan il-kaz huwa ormai preskritt ai termini ta' l-Aritkolu 688 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta liema Artikolu jghid is-segwenti:

*"Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni –*

*bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall- piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;"*

Illi dan il-kaz allegatament sehh f'Jannar 2009, il-Qorti ma jirrizultaliex meta l-imputat gie notifikat bil-kawza izda jirrizulta li deher l-ewwel darba quddiem il-Qorti sabiex jirrispondi ghal dan il-kaz fl-14 ta' Ottubru 2015, sussegwentement inqraw l-akkuzi fis-17 ta' Frar, 2016 u regghu inqraw l-akkuzi wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) fit-30 ta' Novembru 2017.

Ghalhekk jirrizulta lil din il-Qorti li l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat hija preskritta.

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 293, 294, 310(1)(a), 17, 18, 31, 533 u 688 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-imputazzjoni kif migjuba kontra l-imputat hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 688(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**